

KONKLUŻJONIJIET

Suġġett: Konklużjonijiet tat-62 laqgħa tal-Kunsill taż-ŻEE (Brussell, 27 ta' Mejju 2026)

1. It-tnejn u sittin laqgħa tal-Kunsill taż-Żona Ekonomika Ewropea saret fi Brussell fis-27 ta' Mejju 2026 taħt il-Presidenza tas-Sur Michael Damianos, Ministru għall-Enerġija, il-Kummerċ u l-Industrija, li jirrappreżenta l-Presidenza tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea. Għall-laqgħa attendew is-Sur Espen Barth Eide, Ministru għall-Affarijiet Barranin tan-Norveġja; is-Sa Sabine Monauni, Ministru għall-Affarijiet Barranin, l-Ambjent u l-Kultura tal-Liechtenstein; u s-Sur Martin Eyjólfsson, Segretarju Permanenti tal-Istat tal-Ministeru għall-Affarijiet Barranin tal-Iżlanda kif ukoll minn rappreżentanti tal-Kummissjoni Ewropea u s-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna.
Il-membri tal-Kunsill taż-ŻEE ddiskutew il-funzjonament ġenerali tal-Ftehim ŻEE u kellhom dibattitu ta' orjentazzjoni dwar L-iżgurar tal-kompetittività u t-tkabbir ekoloġiku fis-Suq Intern.
2. Il-Kunsill taż-ŻEE ssottolinja l-importanza kontinwa u dejjem tikber tal-Ftehim ŻEE bħala bażi fundamentali għar-relazzjonijiet bejn l-UE u l-Istati taż-ŻEE-EFTA. Il-Ftehim isaħħaħ ukoll il-valuri u l-prinċipji kondiviżi tad-demokrazija, l-impenn għal ordni internazzjonali bbażata fuq ir-regoli, il-libertajiet individwali, l-istat tad-dritt u d-drittijiet fundamentali.

3. Filwaqt li jibni fuq dawn il-valuri u l-prinċipji kondiviżi, il-Kunsill taż-ŻEE enfasizza li ż-żamma tal-ordni internazzjonali bbażata fuq ir-regoli teħtieġ ukoll rispons magħqud għall-isfidi għas-sigurtà dinjin.
Il-membri tal-Kunsill taż-ŻEE affermaw mill-ġdid l-appoġġ sod tagħhom għall-indipendenza, is-sovranità u l-integrità territorjali tal-Ukrajna fil-fruntieri tagħha rikonoxxuti internazzjonalment. Huma ser ikomplu jikkontribwixxu għall-isforzi għall-paċi b'mod partikolari permezz tal-Koalizzjoni tal-Partijiet Disposti u f'kooperazzjoni mal-Istati Uniti, u jipprovdu, f'koordinazzjoni ma' sħab u alleati tal-istess fehma, appoġġ politiku, finanzjarju, ekonomiku, umanitarju, militari u diplomatiku komprensiv lill-Ukrajna u lill-poplu tagħha, inkluż billi jintensifikaw is-sensibilizzazzjoni globali tagħhom. Huma esprimew ukoll l-appoġġ tagħhom għal paċi komprensiva, ġusta u dejjiema, ibbażata fuq il-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti u d-dritt internazzjonali.
4. Il-Kunsill taż-ŻEE laqa' d-djalogu politiku, fil-livell ministerjali bejn ir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà u l-ministri għall-affarijiet barranin tal-Iżlanda, il-Liechtenstein u n-Norveġja, fejn il-parteciċipanti kellhom skambju informali ta' fehmiet dwar kwistjonijiet attwali ta' politika barranija ta' interess reċiproku. Huwa ssottolinja l-importanza li titkompla l-prattika li jiġu mistiedna uffiċjali mill-Istati taż-ŻEE-EFTA għal djalogi politiċi li jsiru flimkien mal-gruppi ta' ħidma tal-Kunsill tal-UE.
5. Il-Kunsill taż-ŻEE ssottolinja, li fi żmien ta' inċertezza ġeopolitika, huwa kruċjali li jissaħħu s-sigurtà, ir-reżiljenza, l-awtonomija strateġika u l-kompetittività tat-30 stat kollha li huma parti mis-Suq Intern u li jingħataw riżultati tanġibbli għaċ-ċittadini u n-negozji Ewropej. Huwa ssottolinja l-importanza ta' Suq Intern b'saħħtu u li jiffunzjona tajjeb, ibbażat fuq l-erba' libertajiet u kundizzjonijiet ugwali u ġusti ta' kompetizzjoni għan-negozji u b'hekk jiġu prevenuti Prattiki dannużi u jitravmu kundizzjonijiet għat-tkabbir ekonomiku u impjegi ġodda fiż-ŻEE kollha.
6. Il-Kunsill taż-ŻEE ssottolinja li l-UE u l-Istati taż-ŻEE-EFTA jikkondividu interess reċiproku fil-preservazzjoni tal-integrità tas-Suq Intern u fiż-żamma ta' kundizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni hekk kif politiki u inizjattivi ġodda jevolvu biex ilaħħqu mal-isfidi ġeopolitiċi attwali.

7. Il-Kunsill taż-ŻEE ssottolinja l-benefiċċji sostanzjali offruti mis-Suq Intern u l-importanza li jkun hemm kooperazzjoni mill-qrib bejn l-UE u l-Istati taż-ŻEE-EFTA, u rrikonoxxa f'dan il-kuntest il-kontribut siewi pożittiv magħmul mill-Istati taż-ŻEE-EFTA għall-proċess tat-tfassil ta' deċiżjonijiet ta' leġiżlazzjoni u programmi rilevanti għaż-ŻEE. Huwa enfasizza li dan il-kontribut jappoġġa l-interess reċiproku tagħna f'politiki trasparenti u mħejjija tajjeb. Il-Kunsill taż-ŻEE ssottolinja wkoll l-importanza li jiġu mistiedna l-Ministri taż-ŻEE-EFTA għall-laqgħat u l-Konferenzi ministerjali informali rilevanti. Huwa wera l-apprezzament tiegħu għall-Presidenza Ċiprijotta u għall-Presidenzi li jmiss għall-kontinwazzjoni ta' din il-prattika.
8. Il-Kunsill taż-ŻEE rrikonoxxa l-isfidi attwali fil-kummerċ internazzjonali fi żmien meta l-ktajjen tal-provvista dinjin jinsabu taħt pressjoni, u kkonferma mill-ġdid l-impenn tiegħu lejn kummerċ miftuħ, ġust u sostenibbli u ssottolinja l-importanza tas-sistema kummerċjali bbażata fuq ir-regoli. Il-membri tal-Kunsill taż-ŻEE qablu li jaħdmu flimkien mill-qrib biex jiksbu riżultati sinifikattivi b'segwitu għall-eżitu tal-14-il Konferenza Ministerjali tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ (MC14), li saret fil-Kamerun, f'Marzu.
9. Il-Kunsill taż-ŻEE rrikonoxxa n-neċessità li titkompla l-ħidma li għaddejja biex jitnaqqas l-għadd ta' atti tal-UE li qed jistennew jiġu inkorporati fil-Ftehim ŻEE, sabiex jiġu ggarantiti s-sigurtà legali u l-omoġeneità taż-ŻEE f'konformità mal-Artikolu 102 tal-Ftehim ŻEE. Fl-istess ħin, huwa nnota li x-xogħol b'lura għadu għoli u enfasizza l-ħtieġa li jiġu intensifikati l-isforzi u tinżamm kooperazzjoni mill-qrib għall-inkorporazzjoni rapida ta' fajls li ilhom pendenti biex jiġu żgurati ċ-ċertezza legali u l-omoġeneità fiż-ŻEE u jiġi żgurat il-funzjonament xieraq tas-Suq Intern. Il-Kunsill taż-ŻEE ssottolinja wkoll l-importanza li tiġi żgurata t-traspożizzjoni f'waqtha tal-acquis fis-sistemi legali nazzjonali.

10. Il-Kunsill taż-ŻEE ssottolinja l-importanza ta' kooperazzjoni mill-qrib bejn l-UE u l-Istati taż-ŻEE-EFTA fit-tisħiħ tas-sigurtà u r-reżiljenza ekonomiċi. Filwaqt li jirrikonoxxi li l-Ftehim ŻEE ma jinkludix politiki kummerċjali u doganali esterni, il-Kunsill taż-ŻEE jilqa' d-diskussjonijiet li għadhom għaddejjin rigward kooperazzjoni mill-qrib dwar oqsma ta' politika barra mill-kamp ta' applikazzjoni tal-Ftehim ŻEE, inkluż dwar kif l-aħjar jiġu indirizzati tali kwistjonijiet biex tiġi żgurata l-kompetittività u tiġi ppreservata l-integrità tas-Suq Intern.
11. Biex tissaħħaħ il-kompetittività tas-Suq Intern, il-Kunsill taż-ŻEE enfasizza l-importanza li jiġi pprovdut ambjent favorevoli għall-SMEs u għall-innovazzjoni u li jitnaqqsu d-dipendenzi strateġiċi f'setturi sensitivi. Huwa laqa' l-isforzi biex jiġu ssimplifikati r-regoli u jitnaqqsu l-piżijiet amministrattivi permezz tal-proposti Omnibus mingħajr ma jiġu mminati l-prevedibbiltà, l-għanijiet ta' politika, l-istandards għoljin jew l-integrità tas-Suq Intern, kif ukoll l-ambizzjonijiet tal-Patt għal Industrija Nadifa biex id-dekarbonizzazzjoni tinbidel f'mutur ta' tkabbir għall-industrija Ewropej. Fl-istess ħin, il-Kunsill taż-ŻEE jilqa' l-appelli għal aktar inizjattivi ambizzjużi ta' omnibus u simplifikazzjonijiet.
12. Il-Kunsill taż-ŻEE enfasizza l-importanza li titkompla l-kooperazzjoni mill-qrib bejn l-UE u l-Istati taż-ŻEE-EFTA fil-kisba tal-miri rispettivi tagħhom dwar il-klima u l-bijodiversità u fil-ħarsien tal-oġettivi tal-Ftehim ta' Pariġi u l-Qafas Globali tal-Bijodiversità ta' Kunming-Montreal.
13. Il-Kunsill taż-ŻEE rrikonoxxa l-importanza kritika ta' provvisti tal-enerġija sikuri, siguri, affordabbli, sostenibbli u b'livell baxx ta' karbonju u li l-infrastruttura tal-enerġija Ewropea tiġi protetta minn theddid ibridu u theddid ieħor. Huwa ssottolinja li strateġija komprensiva għad-dekarbonizzazzjoni u l-kompetittività għandha toffri prevedibbiltà għall-industrija u tistinka biex tattira, iżżid u żżomm in-negozji fl-Ewropa. Il-Kunsill taż-ŻEE enfasizza wkoll il-ħtieġa li jiġi sfruttat bis-sħiħ il-potenzjal sinifikanti ta' sorsi tal-enerġija b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju li huma sikuri u sostenibbli fiż-ŻEE, b'mod partikolari billi tiġi approfondita l-integrazzjoni tas-suq u titkompla l-kooperazzjoni transfruntiera, u b'hekk jingħata kontribut għall-oġettiv globali tat-triplikar tal-kapaċità tal-enerġija rinnovabbli u t-tisħiħ tas-sigurtà tal-enerġija tal-Ewropa.

14. Il-Kunsill taż-ŻEE ssottolinja r-rwol ewlieni tal-ipprezzar tal-karbonju fit-tranżizzjoni lejn enerġija nadifa u l-kooperazzjoni kontinwa bejn l-UE u l-Istati taż-ŻEE-EFTA fl-iżvilupp tas-Sistema tal-UE għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet, u nnota l-evalwazzjoni li jmiss tal-konnettività bl-ajru tal-gżejjer, ir-reġjuni ultraperiferiċi u t-territorji remoti, inkluż il-kunsiderazzjoni tal-kompetittività u r-rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju kif ukoll l-impatti ambjentali u klimatiċi. Huwa laqa' l-ħidma li għaddejja dwar l-inklużjoni tal-Istati taż-ŻEE-EFTA fil-Mekkaniżmu ta' Aġġustament tal-Karbonju fil-Fruntieri u l-obiettivi u l-atti dwar it-tranżizzjoni lejn enerġija nadifa tas-settur tat-trasport fil-Pakkett "Lesti għall-mira ta' 55 %".
15. Il-Kunsill taż-ŻEE ħa nota tal-Pakkett dwar il-Mobbiltà Militari, u ssottolinja l-importanza li tiġi żgurata kooperazzjoni mill-qrib fir-rigward tal-aspetti tal-pakkett li jikkonċernaw l-Istati taż-ŻEE-EFTA u l-Ftehim ŻEE.
16. Il-Kunsill taż-ŻEE ssottolinja l-importanza ta' trasformazzjoni diġitali kompetittiva, ġusta u reżiljenti, u li l-Ewropa ssaħħa il-pożizzjoni tagħha fil-qasam tat-teknoloġiji diġitali strateġiċi. Huwa enfasizza li s-salvagwardja tal-libertà u l-pluraliżmu tal-media, l-indipendenza editorjali u l-protezzjoni tal-ġurnalisti huma ta' importanza fundamentali għal soċjetà demokratika li tiffunzjona tajjeb fl-era diġitali. Il-Kunsill taż-ŻEE ssottolinja l-importanza tal-inkorporazzjoni imminenti tal-Att dwar is-Servizzi Diġitali (DSA) u l-Att dwar is-Swieq Diġitali (DMA) fil-Ftehim ŻEE. Il-Kunsill taż-ŻEE nnota l-importanza li tissaħħa iċ-ċibersigurtà u tiżdied il-koordinazzjoni, kif ukoll li n-nies, l-istituzzjonijiet u l-infrastruttura kritika jiġu protetti minn theddid ibridu.
17. Filwaqt li jirrikonoxxi l-benefiċċji ekonomiċi, ambjentali u soċjetali potenzjali tal-intelliġenza artifiċjali (IA), il-Kunsill taż-ŻEE jissottolinja l-importanza tal-inkorporazzjoni u l-implimentazzjoni effettiva u koerenti tal-Att dwar l-IA, filwaqt li fl-istess ħin jiġi sfruttat il-potenzjal sħiħ tal-IA tal-Ewropa, kif previst f'inizjattivi bħall-Istrateġija għall-Applikazzjoni tal-IA, il-Pjan għal Kontinent tal-IA u l-Istrateġija għal Unjoni Ewropea tad-Data. F'dan il-kuntest, il-Kunsill taż-ŻEE jenfasizza l-ħtieġa li jitrawmu kundizzjonijiet favorevoli għall-innovazzjoni, jiġi żgurat aċċess għal data ta' kwalità għolja u kapaċità tal-computing, u li tissaħħa l-ekosistema tal-IA tal-Ewropa sabiex jissaħħa l-kompetittività u r-reżiljenza.

18. Il-Kunsill taż-ŻEE ssottolinja l-importanza tad-dimensjoni soċjali fil-Ftehim ŻEE, li tkopri kwistjonijiet relatati mal-liġi tax-xogħol, is-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol u l-ugwaljanza bejn il-ġeneri.
- Huwa laqa' l-progress li sar fl-implimentazzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, qafas li jimmira lejn Ewropa aktar inklużiva, reżiljenti u kompetittiva. Il-Kunsill taż-ŻEE rrikonoxxa wkoll l-importanza ta' kooperazzjoni aktar mill-qrib fil-qasam tas-saħħa. F'dan il-kuntest, il-Kunsill taż-ŻEE ssottolinja l-importanza li titrawwem l-innovazzjoni fis-setturi tas-saħħa u tax-xjenzi tal-ħajja fl-Ewropa, għall-benefiċċju tal-pazjenti u tas-sistemi tal-kura tas-saħħa. Il-Kunsill taż-ŻEE stenna b'interess l-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni farmaċewtika tal-UE u l-Ispazju Ewropew tad-Data dwar is-Saħħa kif ukoll kooperazzjoni aktar mill-qrib dwar it-tnejn u r-rispons għas-saħħa.
19. Mingħajr preġudizzju għan-negożjati li għaddejjin fil-livell tal-UE tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali, il-Kunsill taż-ŻEE appella għal dialoġu kontinwu dwar it-tnejniet għall-programmi tal-UE għall-perjodu finanzjarju li jmiss (2028-2034) bl-għan li tiġi żgurata l-inkorporazzjoni bikrija ta' regolamenti ġodda tal-programm fil-Ftehim ŻEE, b'kont meħud tad-dritt għall-parteciċipazzjoni tal-Istati taż-ŻEE-EFTA kif previst fil-Ftehim ŻEE.
20. Il-Kunsill taż-ŻEE fakkar li l-Ftehim ŻEE jipprevedi l-parteciċipazzjoni fis-Suq Intern u f'dan il-kuntest fakkar ukoll li l-Istati taż-ŻEE-EFTA jikkontribwixxu għat-tnaqqis tad-disparitajiet soċjali u ekonomiċi fiż-ŻEE permezz tal-Mekkaniżmi Finanzjarji taż-ŻEE u tan-Norveġja għall-benefiċċji tal-Partijiet Kontraenti, bil-ħsieb li jiġi promoss tisħiħ kontinwu u bbilanċjat tar-relazzjonijiet kummerċjali u ekonomiċi bejn il-Partijiet Kontraenti kollha għall-Ftehim ŻEE f'konformità mal-Artikolu 115 tal-Ftehim ŻEE. Il-Kunsill taż-ŻEE laqa' l-konklużjoni tal-memoranda ta' qbil u ftehimiet dwar il-programmi bilaterali bejn l-Istati taż-ŻEE-EFTA u l-biċċa l-kbira tal-Istati Benefiċjarji sabiex jiġu stabbiliti qafas u skeda ta' żmien ċari għal implimentazzjoni effettiva u f'waqtha tal-fondi. Il-Kunsill taż-ŻEE stenna b'interess il-konklużjoni rapida ta' memoranda ta' qbil bilaterali mal-Istati Benefiċjarji kollha malajr kemm jista' jkun.

21. Il-Kunsill taż-ŻEE enfasizza li l-Partijiet Kontraenti għandhom jirrieżaminaw, fid-dawl tal-Artikolu 10 fil-Protokoll 38D, il-ħtieġa li jiġu indirizzati d-disparitajiet ekonomiċi u soċjali fiż-ŻEE u għandhom, abbażi tal-valutazzjoni, jibdew negozjati futuri dwar il-Mekkaniżmi Finanzjarji li jmiss ferm qabel it-tmiem tal-Mekkaniżmi Finanzjarji 2021 – 2028 sabiex jiġu evitati lakuni fl-implimentazzjoni u biex ikun hemm programmazzjoni effiċjenti u effettiva tal-perspettiva ta' finanzjament futura.
22. Il-Membri tal-Kunsill taż-ŻEE ssottolinjaw l-importanza kbira li jkun hemm kooperazzjoni kostruttiva u inklużiva dwar kwistjonijiet tas-sajd li għandha tkun bilanċjata u ta' benefiċċju reċiproku, partikolarment fir-rigward tal-ġestjoni sostenibbli ta' stokkijiet ta' interess komuni fl-Atlantiku tal-Grigal. Huma għarfu l-importanza li jkomplu jiġu indirizzati bil-ħsieb li jiġu solvuti kwistjonijiet pendenti konġunti dwar il-politika tas-sajd filwaqt li rrikonoxxew l-importanza ta' djalogi bilaterali fil-ġestjoni tas-sajd. Barra minn hekk, il-Membri enfasizzaw il-ħtieġa li jittieħdu miżuri biex jittrażżan is-sajd illegali u mhux sostenibbli fl-Atlantiku tal-Grigal.
23. Il-membri tal-Kunsill taż-ŻEE nnutaw b'dispaċir id-deterjorament serju tal-istokk tal-kavalli fl-Atlantiku tal-Grigal u fehmu l-importanza li jintlaħaq b'mod f'waqtu ftehim komprensiv u bi tqassim ġust.
24. Il-Kunsill taż-ŻEE afferma mill-ġdid l-impenji stabbiliti fil-Protokoll 9 għall-Ftehim ŻEE dwar il-kummerċ tal-ħut u prodotti oħra tal-baħar.
25. Il-Kunsill taż-ŻEE fakkar fl-impenn tal-Partijiet Kontraenti, f'konformità mal-Artikolu 19 tal-Ftehim ŻEE, u appella lill-partijiet ikomplu d-djalogu bil-ħsieb li jiġu rieżaminati l-kundizzjonijiet tal-kummerċ fi prodotti agrikoli sabiex tinkiseb liberalizzazzjoni progressiva fil-qafas tal-politiki agrikoli rispettivi tagħhom. Il-Kunsill taż-ŻEE ħeġġeġ lill-Partijiet Kontraenti jwettqu rieżami ġdid tar-reġim kummerċjali għal prodotti agrikoli pproċessati fil-qafas tal-Artikolu 2(2) u l-Artikolu 6 tal-Protokoll 3 tal-Ftehim ŻEE, sabiex jiġi promoss aktar il-kummerċ f'dan il-qasam.